MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Numru 255/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**VS**
**MOHAMMED XEH SINAL HUSSEIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohammed Xeh Sinal Hussein, ta’ 42 sena, iben Hussein u Hamina, imwieled fi Dirbesije, Ras il-Ghajn Kurdistan, Sirja, fl-10 ta’ Settembru 2010, ta’ nazzjonalita’ mill-Kurdistan Sirja. Mahrub minn Safi Barracks u detentur bin-numru tal-Pulizija 09B-075, bla dokumenti.

Illi huwa akkuzat talli:

1. Fil-5 ta’ April 2010, fix-xhur ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, ghamel delitt billi mmarka minn

Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principal ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta' Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, ikkommetta harba minn post ta' kustodja pubbliku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 151 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, **Mohammed Xeh Sinal Hussein**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 151 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet il-fatti spece kollha tal-kaz u l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------